**254. Il-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija l-Onor. Michael Frendo, jipproponi:**

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità Marittima ta' Malta għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru 1995 sal-30 ta' Settembru 1996, skont l-Att XVII tal-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta.

Illi wkoll skont l-Att tal-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta l-Kamra tapprova bħala Estimi Supplimentari dak l-infiq għas-sena finanzjarja 1994/95 li hu stmat mill-Awtorità Marittima ta' Malta li se jeċċedi l-ammont totali ta' nfiq approvat mill-Kamra għall-istess sena, kif jidher dettaljat fl-Estimi għas-sena finanzjarja 1995/96 taħt il-kolonna msemmija "Actual 1994/1995".

01.11.1995